Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-9 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Versus**

**Ryan Fenech**
**(369786M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Ryan Fenech iben George u Jacqueline nee Grech, mwieled gewwa Pieta fit-12 ta Awwissu 1986 residenti gewwa 22A, Johema, Triq il-Bergamott, Mosta. Detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 369786M.

Fejn huwa gie akkuzat talli fid-9 ta Marzu 2018 u jew fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer gewwa l-Mosta, talli fl-istess data lok, hin u cirkustanzi, ikkometta serq ta oggetti ghad-detriment ta' Inga Savva Cuschieri u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' anqas minn 2329.37 ewro, bil-mezz u bil-lok.

Aktar talli fl-istess data lok, hin u cirkustanzi, volontrajament gharraq, hassar jew kisser hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Inga Savva Cuschieri u/jew persuni ohra. Art. 325 (1)(b) ta Kap 9.

Aktar talli fl-istess data lok, hin u cirkustanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil haddiehor fil-pussess tal-hwejjeg taghhom, hatt bini, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg taghhom. Art. 85 ta Kap 9.

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna biza li ser tintuza vjolenza kontra Inga Savva Cuschieri, meta huwa kien jaf jew imissu kien taf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'. Art 251 (B) ta Kap 9.

Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ikkometta vjolazzjoni kontra il-propjeta ta' haddiehor. Art. 340 ta Kap. 9

Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni pubbliku jew il-paci pubblika b'ghajjat, storbju jew mod iehor. Art. 339 ta Kap. 9

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza jew individwi ohra skond it-termini tal-Artikolu 383, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 28 ta' Mejju 2018 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' Dorian Cornelius, WPS 224 Susanne Mifsud, Inga Sava, PC 36 Charles Azzopardi Refalo, George Fenech, l-iSpettur Nicholas Vella u Maria Caruana.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-27 ta' Frar 2020, xehed l-Ufficjal tal-probation Daniel Cornelius li kien qieghed isegwi lil imputat fejn qal illi kien iffissa zewg appuntamenti ma' l-imputat izda l-imputat ma' kienx attenda ghal dawn l-appuntamenti. Ix-xhud pprezenta rapport datat 24 ta' Settembru 2020[1] fejn kien infurmat illi l-imputat kien qieghed jigi segwit minn Maria Caruana tal-Caritas u li kien dahal f'shelter. Ix-xhud pprezenta rapport iehor datat 11 ta' Dicembru 2020[2] fejn ikkonferma illi Ryan kien dahal gewwa San Blas f'Ottubru 2020 u li kien sejjer tajjeb, jobdi l-ordnijiet u kien role model ghar-residenti l-ohra.

Illi fis-27 ta' Frar 2020 xehdet WPS 224 Susan Mifsud li pprezentat dokument li kienet ghamlet hi stess u li gie mmarkat bhala Dok SM1[3]. Ix-xhud qalet illi waqt li kienet xoghol fl-ghassa tal-Mosta, kienu ircevew telefonata minghand Savva Cuschieri fejn qalet illi kien mar l-ex sieheb

[1]Fol. 74
[2] Fol. 97
[3] Fol. 65 *et seq.*

taghha id-dar taghha gewwa l-Mosta, u kissrilha kull ma' kien hemm. Hi marret fuq il-post u quddiem ir-residenza kien hemm Savva Cuschieri u Ryan Fenech l-imputat. L-imputat kien qieghed jimxi wara l-kwerelanta biex jipprova jkellimha u x'hin avvicinatha biex tkellimha indikatilha l-garaxx li jinsab fil-livell ta' *semi basement* u huma dahlu fil-garaxx biex jitkellmu bil-kwiet . Ghalkemm x-xhud qalet lil Ryan biex jistenna barra, hu baqa' jinsisti li ried jidhol u ghalhekk kellha ssakar il-bieb minn gewwa biex ma jidholx. X'hin dahlet fil-garaxx kien hemm kollox mqalleb u kollox mkisser. Il-kwerelanta qalet illi hi kienet xoghol u x'hin marret lura d-dar sabet herba. Il-garaxx kien mikri lilha u l-affarijiet ta' gewwa kienu taghha. Hi qalet illi r-relazzjoni ta' bejniethon kienet spiccat f'Gunju 2017 u kellhom kaz ta' vjolenza domestika il-Qorti f'Novembru 2017. Hi kienet hafritlu imma ma' kienux flimkien izda kienu ghadhom f'kuntatt. F'Dicembru 2017 kienu ipprovaw jergghu jirrangaw imma hu kellu problema ta' droga. L-imputat beda jghid illi kienet qelbitilu. Ir-ritratti li kienu ipprezentati u mmarkati bhala Dok NVX1 kienet hadithom hi fil-garaxx bil-mobile taghha dakinhar meta sar ir-rapport u ghaddithom lil Spettur Nicholas Vella.

Illi xehdet Inga Savva fejn qalet illi x'hin waslet id-dar wara x-xoghol sabet id-dawl mixghul u semghet il-hsejjes ta' hgieg jinkiser u cemplet lil Pulizija. Kif waslu l-Pulizija dahlu flimkien fil-fond, izda ma' setghux jghaddu ghax kien hemm kollox mkisser, hgieg ma' l-art u l-ilma hiereg mill-pipijiet. Sabu l-ghamara u appliances, platti, is-sufan u s-saqqu mkissrin. Meta waslu l-Pulizija, raw lil imputat Ryan Fenech, li qabel kien s-sieheb taghha, hiereg mill-fond. Ix-xhud ipprezentat dokument li gie mmarkat bhala Dok IS1 li huwa stima tal-hsarat. Hi kompliet tghid li hafna mill-affarijiet kienet xtrathom minn Maltapark u hallset *cash* u ghalhekk ma' kellhiex ircevuti. Il-kaxxi li fihom kien hemm l-arloggi, kienu vojta u l-arloggi kienu mkissrin, u li Ryan kien taha dawn l-arloggi bhala rigali. Ix-xhud spjegat illi l-fond kien garaxx u qabel kien jintuza' bhala workshop imma kif hi spiccat bla dar, marret tghix hemm. Ix-xhud kompliet tghid li hi ma' sabitx c-cavetta tal-karrozza taghha u tal-mutur u kellha tbiddel il-lock. Kellha ukoll €450 li ma' nstabux. Ir-ritratti mmarkati bhala Dok NVX1 juru l-garaxx u l-istat ta' kif kien il-fond. Hi kienet baqghet barra biex tevita l-problemi, ghax Ryan kien qalilha li kien ser jiehu l-kelb u ma' kinitx ser tarah izjed u li l-istorja ma' spiccatx hawn.

Illi fl-24 ta' Settembru 2020 xehed PC36 Charles Azzopardi Refalo li gharaf l-imputat u gharaf il-firma tieghu stess fuq id-dikjarazzjoni tar-rifjut ghal-

parir legali li kien hemm *a fol.* 8., fejn kien hemm prezenti l-iSpettur u Ryan Fenech.

Illi fl-24 ta' Settembru 2020, xehed George Fenech, missier l-imputat li ddikjara li xtaq jixhed fil-konfront ta' ibnu. Hu ma' kienx prezenti meta inqala' l-incident, fejn it-tifel gie akkuzat li kisser xi affarijiet ta' l-ex tfajla tieghu Ingrid. It-tifel kien mar Mount Carmel u hu kien cempel lil Ingrid Savva u qalilha biex tghidlu xi hsara kien hemm halli jhallasha kollox. Hi kienet baghatitlu messagg fejn qaltlu li l-hsara kienet ta' €450 u hu kien baghat messagg lil Ingrid biex tmur ghal flus qabel ma' jsiefer lejn l-Iraq u kien ghaddiehomlha fi flus kontanti. Ix-xhud pprezenta dokument bil-messaggi mmarkat bhala Dok GF1[4]. Fil-kontro ezami hu qal illi kien saqsiha biex tara x'kien hemm hsara u qaltlu issa nara u ngiblek l-ircevuti u wara baghtitlu messagg fejn qaltlu '*please 450 euros for the damages*'.

Illi fid-29 t' Ottubru 2020 xehed l-iSpettur Nicholas Vella fejn qal illi fid-9 ta' Marzu 2018 il-Pulizija tal-Ghassa tal-Mosta kienu ircevew telefonata li kien hemm kommossjoni f'garaxx gewwa l-Mosta. Kienu marru fuq il-post fejn sabu lil Inga Savva Cuschieri li ndikat illi fil-garaxx li kienet ir-residenza taghha kienet sabet kollox mkisser u affarijiet neqsin. Il-Pulizija sabu lil Ryan Fenech hiereg mill-garaxx fejn raw l-affarijiet maqlubin u mkissrin. Inga Savva Cuschieri qalet illi kien Ryan Fenech li kien ghamel dan kollu, u l-Pulizija arrestawh ghal aktar investigazzjoni u Ryan ittiehed fil-*clinic* ghal kura. Fit-13 ta' Marzu 2018, ix-xhud kien rega' kellem lil Ryan fejn tah id-drittijiet u hadlu l-istqarrija, fejn l-imputat kien ghazel li jiffirma fil-presenza ukoll ta' PC36.

Illi fl-10 ta' Dicembru 2020 xehdet Maria Caruana li tahdem il-Caritas, kif ukoll regghet xehdet fl-14 ta' Jannar 2021, fejn ipprezentat dokument immarkat bhala Dok MC1[5], u wkoll fit-3 ta' Gunju 2021. Ix-xhud qalet illi Ryan kien beda kuntatt mal-Caritas Outreach fl-2017 u attenda tlett darbiet fix-xahar ta' Lulju 2017. Fl-2018 rega' ghamel kuntatt u attenda darba f'Marzu 2018. Fl-2019 rega' attenda f'Jannar, izda kien qieghed jsibha difficli hafna biex jeghleb il-vizzju tad-droga, ghalkemm il-familjari tieghu baqghu f'kuntatt mal-unit tal-familja. Fl-2020 Ryan Fenech rega' fittex l-ghajnuna tal-Caritas u din id-darba hadha bis-serjeta. L-imputat kellu zewg sessjonijiet f'Jannar 2020, u wara kellu xi granet fil-facilita korretiva

[4] Fol. 77
[5] Fol.99

ta' Kordin, u kif hareg mar mill-ewwel il-Caritas u beda l-process biex jibda programm residenzjali. Wara sitt sessjonijiet biex jaraw l-motivazzjoni tieghu, l-imputat inghaqad mal-komunita San Blas fl-24 ta' Lulju 2020 u wara perjodu fis-shelter, mexa ghal programm residenzjali fil-5 ta' Ottubru 2020 fejn kien ghadu jsegwi dan il-program b'mod mexxej. L-ahhar fazi ssir fid-dar Charles Miceli, l-Mosta fejn ghal xahrejn persuna tkun tista' tohrog tahdem u tirritorna lura gewwa l-istess dar. Jekk kollox jimxi mal-pjan Fenech kellu jigradwa f'Gunju 2021. Meta xehdet, fit-3 ta' Gunju 2021, ix-xhud ikkonfermat illi l-imputat kien lesta l-programm b'success u kien ha jirritorna mall-familja.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel (1) imputazzjoni**

Illi fir-rigward l-ewwel akkuza, fejn l-imputat qed jigi akkuzat b'serq, ghalkemm mix-xhieda hareg illi l-imputat intlemah hiereg mill-fond mertu tal-kawza odjerna, ma' giex ippruvat illi l-flus u l-oggetti li l-*parte civile* qalet li sabet nieqsa, gew mehuda minnu u fil-fatt mix-xhieda hareg ukoll li l-imputat ittiehed l-Ghassa minnufih u wara ttiehed anke l-poyclinic, fejn fl-ebda hin l-Prosekuzzjoni ma' ressqet prova illi gew mehuda xi oggetti minn fuq il-persuna ta' l-imputat.

Ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-imputazzjoni ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tieni (2) imputazzjoni**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi volontarjament gharraq, hassar jew kisser hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-detriment tal-*parte civile*. Illi l-Qorti rat l-iStatement[6] ta' l-imputat fejn huwa ghazel li jirrispondi ghad-domandi maghmula mill-iSpettur Nicholas Vella, wara li ffirma r-rifjut ghall-assistenza legali[7], fejn l-istess imputat wiegeb ghar-raba' (4) mistoqsija *'Int kif irreagixxejt?'* bit-twegiba, *'Ivvandalizzajt il-post fejn noqghodu'* u kompla jirrispondi ghal hames (5) mistoqsija, *'Ta' min huma l-affarijiet?'* billi wiegeb, *'L-affarijiet li kien hemm hemm gew kienu taghha u xi ftit minnhom tajthomlha jiena'.*

---

[6] Fol. 9 et seq

[7] Fol. 8

Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta u l-Qorti hija konvinta li giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tielet (3) imputazzjoni**

Illi it-tielet imputazzjoni tirrigwarda l-offiza ta' *ragion fattasi* skond Artikolu 85 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mix-xhieda moghtija kif ukoll mill-iStatement moghti mill-imputat stess, ma' jirrizultax illi l-imputat ghamel tieghu xi haga li kienet tappartjeni lil *parte civile*, izda fi kliemu stess *'ivvandallizza'* dan il-post. Aktar minn hekk meta l-imputat gie arrestat u wara ttiehed l-Polyclinic u wara Mount Carmel, fl-ebda hin ma' jirrizulta illi l-Pulizija b'xi mod ikkonfiskawlu xi oggetti jew cwievet illi jappartjenu lil *parte civile* u ghalhekk din l-imputazzjoni ma' tirrizultax.

Ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-imputazzjoni ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Ir-raba' (4) imputazzjoni**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi ai termini ta' l-Artikolu 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkaguna biza li ser tintuza vjolenza kontra l-*parte civile*. Illi mix-xhieda tal-*parte civile* stess dan ma' jirrizultax u dan peress illi kif qalet hi stess, apparti li semghat il-hsejjes minn barra, hi ma' kienetx taf min qed ikisser fil-fond u ndunat li kien Ryan, meta dan hareg mill-fond, meta gew il-Pulizija, fejn ikkonfermat ukoll li lil Ryan hi ma' kellmitux, u li kull ma' qalilha Ryan kien li ser jiehu l-kelb u li ha terga' tarah. Illi apparti minn hekk dan ir-reat sabiex jigi ippruvat irid ikun hemm 'a course of conduct' li din ma' rrizultat fl-ebda hin mix-xhieda tal-*parte civile* jew mill-provi mressqa fil-kawza odjerna.

Ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-imputazzjoni ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Il-hames (5) imputazzjoni**

Il-hames (5) imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-imputat ikkometta vjolazzjoni kontra

proprjeta' ta' haddiehor tirrizulta mill-provi migjuba u mill-iStatement ta' l-istess imputat.

Ghalhekk l-Qorti hija konvinta li din l-imputazzjoni giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Is-sitt (6) imputazzjoni**

Is-sitt imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe, li l-imputat kiser il-bon ordni pubbliku jew il-paci pubblika, mill-provi imressqa u mix-xhieda moghtija ma' tirrizultax u dan peress illi l-incident odjern sehh f'garaxx fejn kienet toqghod il-*parte civile* u l-hsara li saret kienet kollha fuq gewwa tal-fond.

Ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-imputazzjoni ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Ikkunsidrat**

Ix-xhieda moghtija minn Maria Caruana rapprezentanta tal-Caritas u t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed **tillibera** lil imputat **mill-ewwel (1), t-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni**, u wara li rat l-Artikoli 7, 325 (1)(b) u 340(d) u 341 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **hati tat-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjoni**, izda bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Inga Savva Cuschieri, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputat **Ryan Fenech** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile*.

Illi ai termini ta' l-**Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lil imputat bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat